15 ta' Diċembru, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Mifsud et. *versus* Joseph Lautier

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Valur Appellabili — Ġurament — Danni — Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909.**

*Biex jiġi stabbilit il-valur ta' £500 li jagħti dritt għal appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina, wieħed għandu jħares lejn dak li soltu jsir quddiem il-Privy Council. U fost il-prattika quddiem il-Privy Council hemm dik illi, meta l-kontroversja tkun fuq ammont indeterminat, is-sentenza li minnha jkun irid isir dak l-appell għandha tiġi kunsidrata kif taffettwa l-interess tal-parti li trid tagħmel l-appell għax tħoss ruħha aggravata b'dik is-sentenza.*

*Id-danni li għandhom jiġu kalkolati għall-finijiet tal-valur appellabili huma dawk li jiffurmaw parti mid-deċiż, u ma jidħlux dawk id-danni li jiġu sofferti minħabba d-deċiżjoni.*

*Huwa veru li fil-Qrati Tagħna ġiet segwita f'xi każijiet il-pratika li l-appellant jiddikjara bil-ġurament il-valur tal-kontroversja, meta dan il-valur huwa indeterminat; imma dik il-pratika ġiet segwita meta fil-fehma tal-Qorti ma kienx jidher illi l-valur ma kienx manifestament taħt il-£500.*

Il-Qorti. — Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Joseph Lautier, li biha espona (1) illi biċ-ċitazzjoni fuq indikata, preżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-atturi talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, peress illi l-atturi, bħala inkwilini tal-ħanut nru. 182 Merchants Street, Valletta, proprjetà tal-Veneranda Konfraternita ta' San Mikiel fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta, għandhom id-dritt u fakoltà li jagħmlu vetrini mal-ġenb tal-ħanut mikri lilhom, u ċjoè fuq Old Theatre Street, Valletta, fuq liema naħa l-instanti ġew ukoll awtorizzati li jiftħu bieb mill-imsemmi sid; u peress illi l-konvenut, li hu l-inkwilin tal-ħanut numru 33 Old Theatre Street, Valletta, li jmiss ma' dak mikri għand l-instanti, u li hu proprjetà ta' l-istess Konfraternita fuq riferita, qiegħed jippretendi li jagħmel xi vetrini u/jew xogħol ieħor mal-ħajt tal-ġenb tal-ħanut ta' l-instanti fuq Old Theatre Street, b'mod li l-instanti ma jkunux jistgħu jagħmlu użu mill-ġenb kollu tal-ħanut tagħhom fuq dina l-aħħar triq, kif għandhom dritt jagħmlu; u peress illi l-istess konvenut, non ostanti l-protesti ta' l-instanti u d-diffida tas-sid, baqa' sejjer bix-xogħol, fuq il-pretest li huwa għandu dritt li jagħmel dan ix-xogħol; (1) jiġi deċiż u dikjarat li ma għandu l-ebda dritt li jagħmel użu mill-parti esterna tal-ħajt tal-ħanut mikri lill-atturi, u li tagħti għal Old Theatre Street, u dana sa nofs il-ħajt li jissepara l-istess ħanut minn dak mikri lill-konvenut; u konsegwentement (2) l-istess konvenut jiġi kundannat li jneħħi kull ħaġa li huwa għamel ma' l-istess parti tal-ħajt, u jqiegħed lill-istess kif kienet qabel ma huwa beda x-xogħol, u dana fi żmien qasir u perentorju li tistabbilixxi l-Qorti; u li fil-każ li dan iż-żmien jgħaddi għal xejn, (3) l-atturi jiġu awtorizzati li jagħmlu huma stess dan ix-xogħol ta' rinnovazzjoni u xogħol ieħor a

spejjeż tal-konvenut u taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha li tagħti l-Qorti, b'riżerva ta' kull dritt ieħor skond il-liġi kompetenti lill-instanti; bl-ispejjeż;

(2) Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, b'sentenza tad-9 ta' Ottubru 1951, iddeċidiet il-kawża, l-ewwelnett billi ddikjarat illi l-konvenut ma għandu ebda dritt li jagħmel ix-xogħol b'mod li juża mill-parti esterna tal-ħajt tal-ħanut li jinsab mikri għand l-atturi u li tagħti għal Old Theatre Street, u dana limitatament sal-linja medjana tal-ħajt diviżorju li jaħbat man-naħa ta' l-istess atturi, mentri għandu d-dritt jagħmel użu minnu sal-linja medjana tal-ħajt diviżorju li tagħti għan-naħa tiegħu biss; it-tieni nett ikkundannat lill-konvenut jirrimwovi kull ħaġa kostruttiva u kull opera li għamel mal-ħajt diviżorju tal-fond ta' l-atturi, billi jirrestrinġi dawk l-opri sal-pont tal-linja medjana tal-ħajt tan-naħa tal-fond mikri għandu, u jekk dina r-restrizzjoni mhijiex possibili skond l-arti u bla dannu tal-godiment ta' l-atturi, kif għandu jara l-perit maħtur, il-konvenut għandu jirrimwovi "in totò" dak li huwa għamel, u jirrimetti l-post fi stat tali li ma jarrekax dannu u preġudizzju għall-godiment pjen u assolut preżenti, u li jista' jsir, ta' l-atturi fir-rispett tal-fond mikri għandhom, fi żmien xahar, taħt id-direzzjoni tal-Perit Professur Victor Galea appożitament nominat; u fl-aħħarnett, fil-każ li fiż-żmien lilu impost il-konvenut jonqos li jagħmel dak li ġie lilu ordnat u impost, awtorizzat lill-atturi jagħmlu dak li ġie ordnat lill-konvenut taħt id-direzzjoni tal-perit maħtur mill-Qorti, a spejjeż ta' l-istess konvenut. L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut, b'riżerva, "si et quatenus", ta' kwalunkwe azzjoni oħra lill-atturi kontra l-konvenut;

(3) Illi l-esponent appella minn dik id-deċiżjoni, u dina l-Onorabbli Qorti, b'sentenza tas-16 ta' Ġunju 1952, irrespinġiet l-appell u kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fid-9 ta' Ottubru 1951, bl-ispejjeż kontra l-appellant Joseph Lautier, b'dana però li t-terminu ta' xahar prefiss b'dik is-sentenza għandu jibda jgħaddi mid-data tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

(4) Illi l-esponent iħoss ruħu aggravat minn din l-aħħar

sentenza, u bi ħsiebu jinterponi appell minnha quddiem il-Privy Council tal-Maestà Tagħha r-Reġina; in konformità mas-sezzjoni 2 (a) ta' l-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909; jew ma' regolamenti oħra relativi għal dana l-appell;

*U talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtih il-permess meħtieġ biex jappella mid-deċiżjoni fuq miġjuba tas-16 ta' Gunju 1952, lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat Tagħha. Bl-ispejjeż;*

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Jista' jsir appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — skond l-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-ieħor tal-5 ta' Novembru 1942 — (a) b'jedd, minn kull sentenza finali ta' din il-Qorti, meta l-ħaġa li hemm appell fuqha hija ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed, jew jekk fil-ħaġa li hemm appell fuqha tkun tidħol, direttament jew indirettament, xi pretensjoni jew kwistjoni fuq jew dwar proprjetà jew jedd ċivili ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed; (b) fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, minn kull sentenza oħra tagħha, finali jew interlokutorja, kemm-il darba fi-fehma tagħha, il-kwistjoni li hemm appell fuqha hija waħda illi, minħabba l-importanza kbira tagħha, ġenerali jew publika, jew xort'oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill;

F'dan il-każ, l-appellant Lautier, kif deher mit-trattazzjoni, lanqas jippretendi li hu l-każ ta' l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni ta' din il-Qorti minħabba l-importanza kbira ġenerali jew publika tal-kwistjoni involuta. U lanqas seta' kien xort'oħra, għaliex il-kwistjoni involuta hi prettament ta' natura privata u ta' importanza li ma hijiex ċertament la ġenerali u lanqas publika. Ma hemmx fil-kontroversja xi prinċipju ta' ġurisprudenza ta' importanza ġenerali, stabbilit kuntrarjament għal xi ġurisprudenza ta' qabel; f'liema każ, kif osservat din il-Qorti in re "Spiteri vs. Hili", 12 ta' April 1948, Vol. XXXIII—I—242, kien forsi jkun il-każ — s'intendi fil-konkors ta' ċirkustanzi oħra — li din il-Qorti tikkunsidra jekk il-każ kienx jixraq li jiġi mressaq għad-deċiżjoni quddiem it-Tribunal Suprem;

Kwantu għall-valur ta' £500 jew iżjed, f'din il-materja wieħed għandu jħares lejn dak li soltu jiġi prattikat quddiem l-istess Privy Council (ara App. "Avvocato William Harding nomine vs. Negoziante Henry Zammit", 5 ta' Diċembru 1934, Vol. XXIX—I—1162);

Issa, f'każ bħal dan, fejn il-kontroversja ma kienetx fuq xi ammont determinat, ir-regola hi dik enunċjata fil-Bentwich (The Practice of the Privy Council in Judicial Matters, Third Edition, p. 106), fejn jingħad:— "The rule is that the judgment is to be looked at as it affects the interests of the party who is prejudiced by it, and who seeks to relieve himself from it by appeal";

Bis-sentenza li minnha jilmenta l-appellant hu ġie kundannat li jirrestrinġi l-estensjoni ta' l-armatura tal-ħanut tiegħu b'mod li ma jilledix il-godiment lokatizju tal-kontroparti, u li jneħħi kull ħaġa li għamel bi preġudizzju ta' dak il-godiment. Bl-appell lill-Qorti Suprema hu ried jeħles minn din il-kundanna; u għalhekk din hija l-miżura ta' l-interess tiegħu. Issa, mill-istess xhieda li ta f'dan l-istadju l-appellant, biex isostni l-assunt tiegħu li l-valur jilħaq £500 jew iżjed, jidher kemm hija infondata dik il-pretiża;

Infatti l-interess tiegħu hu kompost mill-ispiża li jkollu biex jirrestrinġi l-armatura, mill-ispiża biex jirrimwovi dak li laħaq għamel, biex jirrimetti l-ħajt in kwistjoni "in pristino", u (salv dak li sejjer jingħad) mid-danni li jbati minħabba r-restrizzjoni ta' l-armatura;

Kwantu għall-ispiża ta' l-armatura l-ġdida, "ex admissis" din swiet £200. Anki jekk wieħed kellu jabbona favur l-appellant is-somma ta' £100, li ħareġ għall-armatura meta ħa l-post, jiġi li l-ispiża kollha laħqet £300, li minnhom l-appellant sejjer jerġa' jdaħħal £193 mill-War Damage Commission ta' l-armatura ta' qabel, li kienet ġiet distrutta bil-bombi waqt il-gwerra. Ċertament l-ispiża ta' l-akkomodatura biex mill-armatura l-ġdida jaqta', kif qal l-istess appellant, erba' piedi, ma tista' bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni tlaqħaq għall-valur ta' £500. L-istess tibqa' l-pożizzjoni ankorkè wieħed kellu jżid il-valur ta' ittri kbar li l-appellant qal li xtara għall-armatura l-ġdida;

Kwantu għall-ispiża tar-rikors tat-tnejn tal-ħajt, lanqas l-istess appellant, fin-nota li ppreżenta, ma jsemmiha; u ċertament ma tista' qatt tilħaq il-valur appellabili;

Kwantu għad-danni, proprjament, partikularment dawk tat-temuta konkorrenza, dawn ma għandhomx jidħlu; għax, kif iddeċidiet din il-Qorti in "Luke vs. Scicluna", 2 ta' Ġunju 1869, segwita f'deċiżjoni oħra "Dimech vs. Chretien", 5 ta' Novembru 1928, għall-finijiet tal-valur ma għandhomx jitqiesu d-danni li jiġu sofferti minħabba d-deċiżjoni, għaliex dawk id-danni "stricto jure" ma kienux parti mid-deċiż. Imma anki jekk, b'doża ta' ġenerożità, dawn id-danni kellhom jitqiesu, allura dan ma hux il-każ ta' valur determinat, imma każ ta' danni problematiċi, jekk mhux addirittura kimeriċi, għax hu azzardat li wieħed igħid li, minħabba li l-armatura tiġi ristretta b'erba' piedi, jintilef qliegħ fil-valur appellabili;

L-appellant invoka favur tiegħu l-pratika segwita f'xi każijiet minn din il-Qorti, meta ppermettiet lill-appellant li jiddikjara b'ġurament li l-valur tal-kontroversja hu ta' £500 jew aktar;

Iżda, kif jidher mis-sentenzi mogħtijin in propożitu, dawn kienu każijiet li fihom ma kienx jidher manifestament li l-valur hu ta' anqas minn £500, jew li fihom il-valur kien "prima facie" jidher ta' £500. Infatti din il-Qorti, fis-sentenza "Axisa vs. Zammit Bonett et.", 21 ta' Jannar 1949, Vol. XXXIII—I—706, wara li ċċitat il-ġurisprudenza preċedenti, fis-sens li kienet prattika ta' din il-Qorti, meta l-valur ikun indeterminat, li toqgħod fuq id-dikjarazzjoni ġurata ta' l-appellant, żiedet tgħid dawn il-kliem testwali :— "Ammenokkè ma jkunx jidher, skond il-fehma tal-Qorti, illi dan il-valur hu manifestament taħt il-£500". U f'każ ieħor, "Caruana vs. Debono et.", 27 ta' Ġunju 1949, ibid. p. 756, din il-Qorti ppermettiet id-dikjarazzjoni ġurata, għaliex kien jidher "prima facie" li l-valur kien jilħaq il-£500;

F'dan il-każ, inveċe, hu manifest, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, li l-interess ta' l-appellant ma jilħaqx il-£500;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi t-talba, bl-ispejjeż kontra l-appellant.